**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

Rikors: XX/XXCG
Diff: XX/XX/20XX

XX

*vs*

XX

**Nota ta' osservazzjonijiet ta' XX**

Jesponi bir-rispett,

Illi in linea mal-fakulta mogħtija minn din il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2020 l-esponenti ser jgħaddi biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

*Fatti*

Illi il-każ odjern jitratta appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità intimata *ai termini* tal-Artikolu 25 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368).

Illi l-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

1. Illi l-esponenti akkwista minn *ebay* il-vettura tal-għamla Porsche 928 S Series IV versu l-prezz ta' circa €8,000. Din il-vettura għandha aktar minn tletin sena u kienet tinsab l-Ingilterra;

2. Illi l-esponenti ssottometta l-applikazzjonijiet neċessarji sabiex il-vettura tiġi reġistrata mal-Awtorita' intimata bħala *vettura vintage* awtentika;

3. Illi permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu 2019, l-esponenti ġie nfurmat li l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* aċċetta li jiċċertifika l-vettura bħala waħda *vintage* u l-esponenti ġie mħeġġeġ jiffinalizza t-transazzjoni kemm jista' jkun malajr stante li fin-nuqqas ta' dan, wara tletin ġurnata minn meta rċieva l-ittra tiskatta penali ta' €30 kuljum. Permezz tal-istess ittra l-esponenti ġie nfurmat li t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas għar-reġistrazzjoni tammonta għal €6,000, taxxa li tigi ikkalkulata fuq il-valur tal-karozza;

4. Illi l-esponenti ħass ruħhu aggravat mill-ammont tat-taxxa mitlub abbażi tal-valur ta' reġistrazzjoni stabbilit mill-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*. L-esponenti ġie a konjizzjoni li l-valur meħud in kunsiderazzjoni mill-Kumitat ma kienx kemm inxtrat il-karozza, li kien il-valur imħallas skont il-fattura provduta mill-esponenti iżda kien valur ferm ogħla. In vista ta' dan l-esponenti għamel kuntatt mal-Awtorità intimata permezz ta' *email* datata 11

ta' Marzu 2019 fejn talab li d-deċiżjoni tal-Kumitat dwar it-taxxa tar-reġistrazzjoni tiġi riveduta abbazi tas-segwenti:-

i. Illi l-fattura provduta mill-esponenti kienet tirrifletti l-valur veru tal-vettura;
ii. Il-valur tal-fattura kien jirrifletti l-valur tal-vettura bil-mutur ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali (ta' karozzi Right Hand Drive), tant li l-esponenti akkwista l-vettura tiegħu minn *ebay* meta l- vettura kienet ilha madwar sitt xhur fis-suq internazzjonali kif ukoll provda dettalji ta' vettura simili li l-valur tagħha kien inqas mill-fattura tal-vettura tal-esponenti sabiex il-Kumitat ikun jista' jagħmel paragun ta' *like with like*;
iii. Il-vettura tal-esponenti kienet ġiet iddikjarata bħala *written off* fil-passat u ma kellhiex *service history* – elementi li jnaqqsu drastikament il-valur ta' vettura;

5. Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Marzu 2019 l-esponenti ġie mgħarraf li l-Kumitat ikkunsidra t-talba tal-esponenti, tal-fattura u tar-rapport provdut iżda l-Kumitat ikkonferma li l-valur stabbilit mill-Kumitat kien raġonevoli u aċċettabbli;

6. Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat mid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata stante li l-Kumitat kellu jivvaluta l-vettura biss f'każ li l-valur tal-fattura jkun tant baxx li mhux raġonevoli. Il-valur imħallas fuq il-fattur huwa reali, raġonevoli u jirrifletti l-valur tal-vettura fis-suq internazzjonali u ma kienx hemm raġuni għaliex l-Awtorita' tivvaluta mod ieħor il-vettura sabiex tiġi kkalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni.

*Eċċezzjonijiet*

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-intimata eċċepiet li l-Ministru tal-Finanzi għandu jiġi liberat *ab observantia*. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz ta' nota ta' ċessjoni preżentata fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020. L-istess japplika għat-tieni eċċezzjoni. In kwantu għat-tielet eċċezzjoni din ġiet irtirata mill-Awtorità intimata fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2015. Għaldaqstant jifdal biss li dan it-Tribunal jagħti deċiżjoni biss dwar il-mertu.

*Osservazzjonijiet*

Illi l-qofol ta' dan l-appell huwa l-Art. 25 tal-Kap. 368 li jitratta vetturi *vintage* partikolarment is-sub-artikoli 7 u 8. Dawn is-subartikoli jipprovdu s-segwenti:-

> (7) Meta vettura bil-mutur li tkun għadha kif ġiet impurtata u tkun għadha ma ġietx reġistrata f'Malta tiġi klassifikata bħala vettura vintage, il-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage għandu wkoll jiddeċiedi dwar il-valur tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas fuq dik il-vettura.
>
> (8) Il-valur tar-reġistrazzjoni ta' vettura bħal dik bil-għan li tiġi kalkulata t-taxxa tar-reġistrazzjoni, għandu jkun ibbażat fuq -

(a) il-valur tal-fattura, jew
(b) il-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali meta l-valur tal-fattura jitqies mill-kumitat li huwa wieħed baxx b'mod mhux raġonevoli

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-Kumitat qies li l-valur tal-fattura ta' £7,500 (lira sterlina) kien baxx u mhux raġonevoli u minflok il-valur tal-vettura kellu jkun ta' €16,000[1] – diskrepanza ta' €8,500. Mix-xhieda ta' Albert Pisani – membru tal-Kumitat – mogħtija fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2019 spjega li l-valur ta' €16,000 ingħata wara li spezzjonja l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri. Sabiex wasal għal dan il-valur ħa qies tas-segwenti:-

i. Il-kwalita' tal-*body finish*;
ii. L-intern konsistenti fis-*seats* u t-tapizzerija, il-magna u l-*engine bay*;
iii. Li chassis number jaqbel mal-log book sabiex jikkonferma li c-chassis u l-magna ħarġu flimkien u b'hekk jiffurmaw vettura awtentika;
iv. Ġie ivverifikat il-valur tal-vettura fuq il-Hagerty *valuation* bejn *good* (€31,300) u *fair* (€14,000) u ttieħed in kunsiderazzjoni li l-vettura kienet *automatic* li skont ix-xhud kienet tfisser żieda fil-valur.

Ta' min jirrileva li mill-istess xhieda rriżulta li:-

i. L-ispezzjoni saret minn peruna waħda u għalhekk hija suġġettiva;
ii. L-ispezzjoni saret f'massimu ta' għoxrin minuta, u ħafna mill-ħin tqatta biex jinstab l-*engine number* li kien moħbi u mgħotti bis-sadid;
iii. L-ispezzjoni saret f'garaxx u mhux fid-dawl tax-xemx;
iv. Il-vettura ma ġietx startjata u ma ġiex ispezzjonat jekk il-partijiet li jifformaw parti minnha bħal pereżempju l-aircondition, mirja, radio, fanali, etc. jaħdmux (partijiet li jiswew ħafna flus f'tiswija minħabba iż-żmien tal-karozza);
v. Ix-xhud ma kellux l-istorja tal-vettura u lanqas li din kienet ġiet *written-off* minħabba inċidenti.
vi. Il-qiegħ tal-vettura ma ġiex eżaminat.

Illi minn naħa l-oħra l-esponenti preżenta rapport magħmul mill-Pulizija Ingliża magħmul ftit qabel mal-vettura waslet f'Malta fejn irrizulta li jikkonferma li l-vettura kienet involuta f'inċident. Ġew esebiti wkoll ritratti ulterjuri li juru brix u daqqa fuq il-body tal-vettura, brix mal-hgieg tat-tieqa u ritratti fejn jidher sadid u oħrajn li juru li l-vettura kienet miżbugħa mhux skont is-sengħa u l-arti. Fil-fehma tal-esponenti dawn il-fatturi kellhom jittieħdu wkoll in kunsiderazzjoni mill-Kumitat iżda għal xi raġuni fil-fehma tal-intimata, dawn ma jaffettwawx il-valur. F'dan il-kuntest ssir riferenza għas-sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal fit-22 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet "Malcolm Monreal *vs* Awtorità għat-Trasport f'Malta" li trattat fatti simili għal dawk odjerni, fejn dwar l-elementi li kellu jittieħed qies tagħhom ai fini ta' ispezzjoni it-Tribunal qal:-

[1] Vide l-Applikazzjoni VEH15A

> Illi għalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, il-kundizzjoni ta' vettura ċertament li trid tiġi kkunsidrata ai fini ta' valur tagħha. Daqskemm huma validi kriterji bħal mudell, l-annu, l-produttur, in-numru fil-linja tal-produzzjoni, l-ammont ta' vetturi manifatturi, daqstant ieħor għandu jkun kriterju validu u li jrid jittieħed in konsiderazzjoni l-kundizzjoni ta' vettura. Dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sottomissjoni tad-difensur tal-Awtorita` intimata fejn irrefera għall-valutazzjoni ta' proprjeta` immobbli mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ai fini ta' taxxa dovuta fejn ġie sottomess illi jekk il-Kummissarju tat-Taxxi iħoss li l-prezz imniżżel fuq il-kuntratt huwa inqas mill-prezz tas-suq, huwa jimponi taxxa addizzjonali fuq il-prezz tas-suq. Illi t-Tribunal jirrileva, pero`, illi meta l-Kummissarju tat-Taxxi jagħmel tali valutazzjoni, il-Periti inkarigati minnu għal tali valutazzjoni jieħdu in konsiderazzjoni l-istat tal-proprjeta` immobbli li tkun inxtrat. Jekk tinxtara bicca art ċertament ma jivvalutawhiex daqs li kieku inxtrat blokka flats mibnija anke jekk l-istess art ikollha dak il-potenzjal. L-istess ħaġa jista' jingħad għal proprjeta` "unconverted" għal waħda "converted". U daqstant ieħor fil-każ in kwisjtoni. Jekk vettura għandha numru ta' difetti, minkejja li hija ta' ċertu prestiġju, ma ġġibx prezz fis-suq daqs li kieku kienet fi stat tajjeb. Fil-fatt, il-membru tal-Kumitat Albert Pisani ikklassifikaha bħala "average".

Illi dan l-insenjament jaqbel ma' dak li qal XX, *sales team lead* ma' XX. F'email indirizzata lill-esponenti fuq mistoqsija jekk vettura tkun ġiet *written off* timpinġix fuq il-valur tal-vettur, it-tweġiba ta' XX kienet ċara fis-sens li:-

> ... I would say – yes it does have a detrimental effect on the value, especially on a vehicle type such as this, a High Performance "future classic", with complicated construction and a mix of materials including impact bumpers crumple zones and extensive electronics.
>
> Any potential buyer of the vehicle will be looking to make sure that it is in a safe and roadworthy condition. **Also, many collectors looking to buy future classics search for cars with good provenance, a service history, originality or quality restoration.** If a car carries a marker, such as an insurance category write off, they will want to know exactly what has been reported, the extent and the quality of the repairs.
>
> **I believe therefore that a category write off creates and "element of doubt" for the buyer and, in turn any potential buyer will want to pay less for the vehicle**, they will try to use the write off marker as a leverage tool to lower the purchase value.

Illi ġjaladarba stabbilit li l-fatt li l-vettura kienet *written off* kien ser ikollu impatt fuq il-valur, dan kellu jittieħed in kunsiderazzjoni. Elementi oħra li jidher li ma ttieħdux in kunsiderazzjoni u li jaffettwaw il-valur huma li l-vettura ma kellhiex *service history*, kellha s-sadid u numru ta' nuqqasijiet mekkaniċi (e.z. l-*air-conditioning unit* ma kien jaħdem, li kapaċi jiswa iktar minn €2,000 biex jissewwa). Mhux talli hekk iżda talli l-valutazzjoni tal-intimata saret fuq interpretazzjoni ħażina saħansitra tal-Hagerty *valuations*. Hekk kif diġa ngħad, skont XX peress li l-vettura hija *automatic*, il-valur kellu jiżdied. Jekk wieħed jara l-lista esebita jinduna li jekk il-vettura hija *automatic*, ikun hemm tnaqqis ta' 20% fil-valur u mhux żieda!.

Illi sabiex il-Kumitat ikollu stampa aktar ċara quddiemu, l-esponenti saħansitra provda dettalji ta' vettura simili u li kienet tinsab fuq is-suq internazzjonali fl-istess żmien sabiex ikun jista' jsir eżami komparattiv ta' *like with like*. Minkejja dan, l-intimata lanqas biss indenjat tagħmel eżami komparattiv sempliċi bejn il-vetturi – Eżerċizzju li jsir ukoll minn dan it-Tribunal f'appelli li jikkonċernaw valutazzjoni ta' vetturi anke mhux vintage[2].

In vista tas-suespost l-esponenti jqis li:

1. l-Kumitat ma kellux għażla ħlief li jistrieħ fuq il-valur tal-fattura sabiex tiġi kkalkulata t-taxxa u mhux jgħolli l-valur b'aktar mid-doppju minn dak li bih ġiet akkwistata l-vettura; u

2. Anke li kieku il-Kumitat ma qadx fuq il-valur tal-fattura, u wasal għall-valur tas-suq medju ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq internazzjonali, mingħajr żbalji (e.z. il-valur ta' karozza *automatic vs*. karozza *manual* ta' dak iż-żmien) dan kien ikun ekwivalenti tal-valur tal-fattura (u filfatt sal-lum hemm karozzi onlajn simili f'listess kundizzjoni b'dak il-prezz tal-fattura).

Għaldaqstant it-talbiet tal-esponenti għandhom jiġu milqugħa bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Daqstant għandu x'jossottometti l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' dan it-Tribunal.

Avv. XX
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. XX

Esponenti: XX
Notifika: XX

[2] Vide Gauci Automobiles Co. Ltd. vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et deċiża fis-6 ta' Ottubru 2015